



KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

Brussel 29.11.2005  
KUMM(2005) 610 finali

Proposta għal

**DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL**

**dwar l-iffirmar u l-applikazzjoni provviżorja tal-ftehim bilaterali bejn il-Komunità  
Ewropea u r-Repubblika tal-Belarus dwar kummerċ fil-prodotti tat-tessuti**

(preżentata mill-Kummissjoni)

## MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

### 1) KUNTEST TAL-PROPOSTA

- **Sisien għal u għanijiet tal-proposta**

Il-ftehim bilaterali dwar il-kummerċ tal-prodotti ta' tessuti bejn il-Komunità Ewropea u l-Belarus se jiskadi fil-31 ta' Diċembru 2005. Il-proposta tipprovdi għal estensjoni ta' dan il-ftehim ta' tessuti sal-31 ta' Diċembru 2006.

- **Kuntest ġenerali**

Ftehimiet bilaterali kienu stabbiliti mal-Belarus mill-1993. Il-ftehim li hemm bħalissa jinkludi l-impenji tat-tariffi min-naħa tal-Belarus (tariffi li fil-biċċa l-kbira jixbhu lil dawk fuq livelli ta' l-UE) u klawżola għal ritorn għas-sitwazzjoni ta' qabel f'każ ta' nuqqas ta' ħarsien ta' dawk il-livelli tarriifarji. Restrizzjonijiet kwantitattivi huma stabbiliti għal 34 kategorija tat-tessuti u ħwejjeġ.

Fin-nuqqas ta' ftehim, il-Belarus għandu jkollha l-għażla li żżid id-dazji fuq l-importazzjoni tagħha u ddaħħal restrizzjonijiet fuq l-importazzjoni, għad-detriment ta' l-esportazzjonijiet ta' l-UE.

- **Dispożizzjonijiet preżenti fil-qasam tal-proposta**

ĠU L 123, tas-17.5.1994, p. 1., ĠU L 336, tad-29.12.1999, p. 26., ĠU L 345, tal-31.12.2003, p. 150., ĠU L 72, tat-18.3.2005, p. 18.

- **Konsistenza mal-politiki u l-għanijiet l-oħra ta' l-Unjoni**

Fid-dawl tal-qagħda politika prevalenti fil-Belarus, il-Ftehim propost hu restrittiv. Fl-2006, il-Belarus, flimkien mal-Korea ta' Fuq u l-Montenegro, se tkun l-uniku pajjiż suġġett għal kwoti fuq it-tessuti fl-UE. (Jeżistu ċerti livelli miftiehma fuq ċerti kategoriji ta' tessuti u ħwejjeġ maċ-Ċina wara l-firma ta' Memorandum ta' Ftehim fl-10 ta' Ġunju 2005).

### 2) KONSULTAZZJONI TAL-PARTIJET INTERESSATI U L-ISTIMA TA' L-IMPATT

- **Konsultazzjoni tal-partijiet interessati**

Din id-Deċiżjoni se tipprovdi għall-firma u l-applikazzjoni proviżorja ta' ftehim ta' kummerċ internazzjonali, M'hi meħtieġa l-ebda konsultazzjoni formali.

- **Ġabra u użu ta' kompetenzi**

Ma kienet meħtieġa ebda kompetenza.

- **Stima ta' l-impatt**

L-impatti ġew ivvalutati waqt in-negozjati tal-ftehim internazzjonali.

Għaldaqstant ma kienx meħtieġ li ssir stima ta' l-impatt ta' din il-miżura.

### 3) ELEMENTI LEGALI TAL-PROPOSTA

- **Sinteżi ta' l-azzjoni proposta**

Il-proposta tipprovdi għal estensjoni ta' dan il-ftehim ta' tessuti sal-31 ta' Diċembru 2006.

M'hu ser ikun hemm l-ebda effett jew riskju negattiv għall-pajjiżi li qegħdin jiżviluppaw.

- **Bażi legali**

L-Artikolu 133 tat-Trattat li jstabbilixxi l-KE.

- **Il-prinċipju ta' sussidjarjetà**

Din il-proposta tagħmel parti mill-kompetenza esklussiva tal-Komunità. Għalhekk, il-prinċipju ta' sussidjarjetà ma japplikax.

- **Għażla ta' strumenti**

Strumenti proposti : deċiżjoni.

Mezzi oħra ma jkunux xierqa għal din (dawn) ir-raġuni(ijiet).

M'hemm l-ebda mezzi oħra disponibbli għall-firma u l-applikazzjoni proviżorja ta' ftehim internazzjonali.

### 4) IMPLIKAZZJONI BAĠETARJA

Il-proposta m'għandha l-ebda implikazzjoni fuq il-baġit tal-Komunità.

Proposta għal

## DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

**dwar l-iffirmar u l-applikazzjoni provviżorja tal-ftehim bilaterali bejn il-Komunità Ewropea u r-Repubblika tal-Belarus dwar kummerċ fil-prodotti tat-tessuti**

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea, u partikolarment l-Artikolu 133, b'konnessjoni ma' l-Artikolu 300(2), l-ewwel sentenza tiegħu,

Wara li kkunsidra il-proposta mill-Kummissjoni,

Billi:

- (1) Il-Kummissjoni innegozjat, f'isem il-Komunità ftehim bilaterali biex testendi għal sena il-ftehim bilaterali eżistenti u l-protokolli dwar il-kummerċ fil-prodotti tat-tessuti mar-Repubblika tal-Belarus, b'għadd ta' emendi tal-limiti kwantitattivi.
- (2) Minħabba li jista' jkun konkluż f'data aktar tard, il-Ftehim għandu jiġi ffirmat f'isem il-Komunità;
- (3) Dan il-Ftehim bilaterali għandu jkun applikat fuq bażi provviżorja mill-1 ta' Jannar 2006 sakemm isiru l-proċeduri li hemm bżonn għall-konklużjoni ta' dan il-Ftehim, suġġett għall-applikazzjoni provviżorja reċiproka mir-Repubblika tal-Belarus.

IDDEĊIDA KIF ĠEJ:

### *Artikolu 1*

Minħabba li jista' jkun konkluż f'data aktar 'il quddiem, il-President tal-Kunsill huwa hawnhekk awtorizzat li jaħtar persuni li għandhom is-setgħa li jiffirmaw f'isem il-Komunità Ewropea, il-Ftehim dwar il-prodotti tat-tessuti bejn il-Komunità Ewropea u l-Belarus.

## *Artikolu 2*

Il-Ftehim fil-forma ta' Skambju ta' Ittri li jemenda l-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u r-Repubblika tal-Belarus dwar il-kummerċ fil-prodotti tat-tessuti se japplika fuq bażi provviżorja, sal-konklużjoni formali tiegħu u suġġett għall-applikazzjoni provviżorja reċiproka tal-Ftehim mir-Repubblika tal-Belarus<sup>1</sup>, mill-1 ta' Jannar 2006.

It-test ta' dan il-Ftehim huwa anness ma' din id-Deċiżjoni.

## *Artikolu 3*

1. Fil-każ li l-Belarus ma tissodifax l-obbligazzjonijiet skond il-paragrafu 2.4 ta' dan il-Ftehim, il-kwota għall-2006 se tkun mnaqqsa għall-livelli applikabbli fl-2005.
2. Id-deċiżjoni li jiġi implimentat il-paragrafu 1 se tittieħed skond il-proċeduri msemmija fl-Artikolu 17 tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 3030/93 tat-12 ta' Ottubru 1993 dwar ir-regoli komuni għall-importazzjonijiet ta' ċertu prodotti tat-tessuti minn pajjiżi terzi<sup>2</sup>.

## *Artikolu 4*

Din id-deċiżjoni għandha tiġi ppublikata fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Se tidħol fis-seħħ il-ġurnata wara l-pubblikazzjoni tagħha fil-*Ġurnal Uffiċjali*.

Magħmula fi Brussell,

*Għall-Kunsill*  
*Il-President*

---

<sup>1</sup> Id-data minn meta l-applikazzjoni provviżorja se tkun effettiva se tkun ippublikata fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*, serje C.

<sup>2</sup> ĠU L 275, tat-8.11.1993, pġ. 1. Ir-Regolament kif l-aħħar emendat mir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1478/2005 tat-12 ta' Settembru 2005 (ĠU L 236, tat-13.9.2005, p. 3).

## ANNEX

**FTEHIM fil-forma ta' Skambju ta' Ittri bejn il-Komunità Ewropea u r-Repubblika tal-Belarus li temenda il-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u r-Repubblika tal-Belarus dwar il-kummerç fil-prodotti tat-tessuti inizjalat fi Brussell fl-1 ta' April 1993, hekk kif emendat l-aħħar mill-Ftehim fil-forma ta' Skambju ta' Ittri inizjalat fid-29 ta' Novembru 2004**

*Ittra mill-Kunsill ta' l-Unjoni Ewropea*

Sinjur,

1. Għandi l-unur li nirreferi għall-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u r-Repubblika tal-Belarus dwar il-kummerç fil-prodotti tat-tessuti inizjalat fl-1 ta' April 1993, hekk kif emendat l-aħħar u estiż mill-Ftehim fil-forma ta' Skambju ta' Ittri inizjalati fid-29 ta' Novembru 2004 (minn issa 'l quddiem imsejjaħ il-'Ftehim').
2. Minħabba fl-iskadenza tal-Ftehim fil-31 ta' Diċembru 2005 u skond l-Artikolu 19(1) tal-Ftehim, il-Komunità Ewropea u r-Repubblika tal-Belarus jiftiehem li jestendu ż-żmien tal-Ftehim, għal perijodu ta' sena oħra, suġġett għall-emendi u l-kondizzjonijiet li ġejjin:
  - 2.1. It-test ta' l-Artikolu 19(1), it-tieni u t-tielet sentenzi, tal-Ftehim se jinbidlu b'dan li ġej:

‘Għandu jkun applikabbli sal-31 ta' Diċembru 2006.’
  - 2.2. Anness II li jstabbilixxi ir-restrizzjonijiet kwantitattivi għall-esportazzjonijiet mir-Repubblika tal-Belarus lill-Komunità Ewropea huwa mibdul bl-Appendiċi 1 għal din l-ittra.
  - 2.3. L-Anness għall-Protokol C li jstabbilixxi ir-restrizzjonijiet kwantitattivi għall-esportazzjonijiet mir-Repubblika tal-Belarus lill-Komunità Ewropea wara l-operazzjonijiet OPT fir-Repubblika tal-Belarus huwa mibdul għall-perijodu ta' l-1 ta' Jannar 2006 sal-31 ta' Diċembru 2006 bl-Appendiċi 2 għal din l-ittra.
  - 2.4. L-importazzjonijiet fil-Belarus tal-prodotti tat-tessuti u tal-ħwejjeġ ta' oriġini mill-Komunità Ewropea se jkunu suġġetti għat-taxxi tad-dwana fl-2006 li ma jaqbżux dawk previsti għall-2003 fl-Appendiċi 4 tal-Ftehim fil-forma ta' Skambju ta' Ittri bejn il-Komunità Ewropea u r-Repubblika tal-Belarus inizjalati fil-11 ta' Novembru 1999.

Fil-każ li ma jkunx hemm applikazzjoni ta' dawn ir-rati il-Komunità se jkollha id-dritt li tintroduċi mill-ġdid għall-perijodu tal-ftehim li jibqa' u li ma jkunx skada fuq bażi pro rata l-livelli għar-restrizzjonijiet kwantitattivi applikabbli għall-2005 kif speċifikat fl-Iskambju ta' l-Ittri inizjalati fid-29 ta' Novembru 2004.
3. Jekk ir-Repubblika tal-Belarus issir Membru ta' l-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerç (WTO) qabel id-data ta' meta jiskadi l-Ftehim, il-Ftehim u r-regoli tad-WTO se jkunu applikati mid-data ta' l-adeżjoni tar-Repubblika tal-Belarus fid-WTO.

4. Inkun obligat jekk ġentilment tikkonferma l-aċċettazzjoni tal-Gvern tiegħek dwar dak li ntqal qabel. Jekk dan ikun il-każ, dan il-Ftehim fil-forma ta' Skambju ta' Itri se jidħol fis-seħħ fl-ewwel jum tax-xahar li jiġi wara l-jum li fih l-Partijiet innotifikaw lil xulxin li l-proċeduri legali interni meħtieġa għal dan il-għan tlestew. Sa dan il-waqt, se jkun applikat b'mod provviżorju mill-1 ta' Jannar 2006 bil-kondizzjoni ta' reċiproċità.

Nitolbok taċċetta, Sinjur, l-assigurazzjoni ta' l-oġġla stima tiegħi.

Għall-Kunsill ta' l-Unjoni Ewropea

## Appendiċi 1

Anness II:

<b>Il-Belarus</b>	<b>Kategorija</b>	<b>Unità</b>	<b>Il-Kwota mill-1 ta' Jannar 06</b>
Grupp IA	<b>1</b>	Tunnellati	1.585
	<b>2</b>	Tunnellati	6,000
	<b>3</b>	Tunnellati	242
Grupp IB	<b>4</b>	biċċiet T	1,672
	<b>5</b>	biċċiet T	1,105
	<b>6</b>	biċċiet T	1,550
	<b>7</b>	biċċiet T	1,252
	<b>8</b>	biċċiet T	1,160
Grupp IIA	<b>9</b>	Tunnellati	363
	<b>20</b>	Tunnellati	329
	<b>22</b>	Tunnellati	524
	<b>23</b>	Tunnellati	255
	<b>39</b>	Tunnellati	241
Grupp IIB	<b>12</b>	parijiet T	5,959
	<b>13</b>	biċċiet T	2,651
	<b>15</b>	biċċiet T	1,569
	<b>16</b>	biċċiet T	186
	<b>21</b>	biċċiet T	930
	<b>24</b>	biċċiet T	844
	<b>26/27</b>	biċċiet T	1,117
	<b>29</b>	biċċiet T	468
	<b>73</b>	biċċiet T	329
	<b>83</b>	Tunnellati	184
Grupp IIIA	<b>33</b>	Tunnellati	387
	<b>36</b>	Tunnellati	1,309
	<b>37</b>	Tunnellati	463
	<b>50</b>	Tunnellati	207
Grupp IIIB	<b>67</b>	Tunnellati	356
	<b>74</b>	biċċiet T	377
	<b>90</b>	Tunnellati	208
Grupp IV	<b>115</b>	Tunnellati	95
	<b>117</b>	Tunnellati	2,100
	<b>118</b>	Tunnellati	471

Biċċiet T: elf biċċa



## Appendiċi 2

### Anness għall-Protokoll C

<b>Kategorija</b>	<b>Unità</b>	<b>Sa mill-01.01.05</b>
4	1 000 biċċa	5,055
5	1 000 biċċa	7,047
6	1 000 biċċa	9,398
7	1 000 biċċa	7,054
8	1 000 biċċa	2,402
12	1 000 biċċa	4,749
13	1 000 biċċa	744
15	1 000 biċċa	4,120
16	1 000 biċċa	839
21	1 000 biċċa	2,741
24	1 000 biċċa	706
26/27	1 000 biċċa	3,434
29	1 000 biċċa	1,392
73	1 000 biċċa	5,337
83	Tunnellati	709
74	1 000 biċċa	931

*Ittra mill-Gvern tar-Repubblika tal-Belarus*

Sinjur,

Għandi l-unur li ngħarrfek li irċevejt l-ittra tiegħek tal-..... li taqra kif ġej:

“ Sinjur,

1. Għandi l-unur li nirreferi għall-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u r-Repubblika tal-Belarus dwar il-kummerċ fil-prodotti tat-tessuti inizjalat fl-1 ta' April 1993, hekk kif emendat l-aħħar u kien estiż mill-Ftehim fil-forma ta' Skambju ta' Ittri inizjalati fid-29 ta' Novembru 2004 (minn issa 'l quddiem imsejjaħ il-'Ftehim').
2. Minħabba fl-iskadenza tal-Ftehim fil-31 ta' Diċembru 2005 u skond l-Artikolu 19(1) tal-Ftehim, il-Komunità Ewropea u r-Repubblika tal-Belarus jiftiehm li jestendu ż-żmien tal-Ftehim, għal perijodu ta' sena oħra, suġġett għall-emendi u l-kondizzjonijiet li ġejjin:
  - 2.1. It-test ta' l-Artikolu 19(1), it-tieni u t-tielet sentenzi, tal-Ftehim se jinbidel b'dan li ġej:

‘Għandu jkun applikabbli sal-31 ta' Diċembru 2006.’
  - 2.2. Anness II li jistabbilixxi ir-restrizzjonijiet kwantitattivi għall-esportazzjonijiet mir-Repubblika tal-Belarus lill-Komunità Ewropea huwa mibdul bl-Appendiċi 1 għal din l-ittra.
  - 2.3. L-Anness għall-Protokol C li jistabbilixxi ir-restrizzjonijiet kwantitattivi għall-esportazzjonijiet mir-Repubblika tal-Belarus lill-Komunità Ewropea wara l-operazzjonijiet OPT fir-Repubblika tal-Belarus huwa mibdul għall-perijodu ta' 'l-1 ta' Jannar 2006 sal-31 ta' Diċembru 2006 bl-Appendiċi 2 għal din l-ittra.
  - 2.4. L-importazzjonijiet fil-Belarus tal-prodotti tat-tessuti u tal-ħwejjeġ ta' orġini mill-Komunità Ewropea se jkunu suġġetti għat-taxxi tad-dwana fl-2006 li ma jaqbżux dawk previsti għall-2003 fl-Appendiċi 4 tal-Ftehim fil-forma ta' Skambju ta' Ittri bejn il-Komunità Ewropea u r-Repubblika tal-Belarus inizjalati fil-11 ta' Novembru 1999.

Fil-każ li ma jkunx hemm applikazzjoni ta' dawn ir-rati il-Komunità se jkollha d-dritt li tintroduċi mill-ġdid għall-perijodu tal-ftehim li jibqa' li ma jkunx skada fuq bażi pro rata l-livelli għar-restrizzjonijiet kwantitattivi applikabbli għall-2005 kif speċifikat fl-Iskambju ta' l-Ittri inizjalati fid-29 ta' Novembru 2004.
3. Jekk ir-Repubblika tal-Belarus issir Membru ta' l-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ (WTO) qabel id-data ta' meta jiskadi l-Ftehim, il-Ftehim u r-regoli tad-WTO japplikaw mid-data ta' l-adeżjoni tar-Repubblika tal-Belarus fid-WTO.

4. Inkun obligat jekk ġentilment tikkonferma l-aċċettazzjoni tal-Gvern tiegħek dwar dak li ntqal qabel. Jekk dan ikun il-każ, dan il-Ftehim fil-forma ta' Skambju ta' Ittri se jidħol fis-seħħ fl-ewwel jum tax-xahar li jġi wara l-jum li fih l-Partijiet innotifikaw lil xulxin li l-proċeduri legali interni meħtieġa għal dan il-għan tlestew. Sa dan il-waqt, se jkun applikat b'mod proviżorju mill-1 ta' Jannar 2006 bil-kondizzjoni ta' reċiproċità.

Nitolbok taċċetta, Sinjur, l-assigurazzjoni ta' l-oġhla stima tiegħi.”

Għandi l-unur li nikkonferma li l-Gvern tiegħi jaqbel mal-kontenut ta' l-ittra tiegħek.

Nitolbok taċċetta, Sinjur, l-assigurazzjoni ta' l-oġhla stima tiegħi.

Ittra mill-Gvern tar-Repubblika tal-Belarus

## Appendiċi 1

Anness II:

<b>II-Belarus</b>	<b>Kategorija</b>	<b>Unità</b>	<b>II-Kwota mill-1 ta' Jannar 06</b>
Grupp IA	<b>1</b>	Tunnellati	1.585
	<b>2</b>	Tunnellati	6,000
	<b>3</b>	Tunnellati	242
Grupp IB	<b>4</b>	biċċiet T	1,672
	<b>5</b>	biċċiet T	1,105
	<b>6</b>	biċċiet T	1,550
	<b>7</b>	biċċiet T	1,252
	<b>8</b>	biċċiet T	1,160
Grupp IIA	<b>9</b>	Tunnellati	363
	<b>20</b>	Tunnellati	329
	<b>22</b>	Tunnellati	524
	<b>23</b>	Tunnellati	255
	<b>39</b>	Tunnellati	241
Grupp IIB	<b>12</b>	parijiet T	5,959
	<b>13</b>	biċċiet T	2,651
	<b>15</b>	biċċiet T	1,569
	<b>16</b>	biċċiet T	186
	<b>21</b>	biċċiet T	930
	<b>24</b>	biċċiet T	844
	<b>26/27</b>	biċċiet T	1,117
	<b>29</b>	biċċiet T	468
	<b>73</b>	biċċiet T	329
	<b>83</b>	Tunnellati	184
Grupp IIIA	<b>33</b>	Tunnellati	387
	<b>36</b>	Tunnellati	1,309
	<b>37</b>	Tunnellati	463
	<b>50</b>	Tunnellati	207
Grupp IIIB	<b>67</b>	Tunnellati	356
	<b>74</b>	biċċiet T	377
	<b>90</b>	Tunnellati	208
Grupp IV	<b>115</b>	Tunnellati	95
	<b>117</b>	Tunnellati	2,100
	<b>118</b>	Tunnellati	471

Biċċiet T: elf biċċa

## Appendiċi 2

### Anness għall-Protokoll C

<b>Kategorija</b>	<b>Unità</b>	<b>Sa mill-01.01.05</b>
4	1 000 biċċa	5,055
5	1 000 biċċa	7,047
6	1 000 biċċa	9,398
7	1 000 biċċa	7,054
8	1 000 biċċa	2,402
12	1 000 biċċa	4,749
13	1 000 biċċa	744
15	1 000 biċċa	4,120
16	1 000 biċċa	839
21	1 000 biċċa	2,741
24	1 000 biċċa	706
26/27	1 000 biċċa	3,434
29	1 000 biċċa	1,392
73	1 000 biċċa	5,337
83	Tunnellati	709
74	1 000 biċċa	931